TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 247/14/F

**Joseph Bajada**

**vs**

**Coleiro General Supplies Ltd.**

Illum 13 t'April, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-15 ta' Diċembru, 2014 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650), rappreżentanti spejjeż sabiex jittranġa l-welder li kien xtara mingħand id-ditta intimata.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara welder għall-prezz ta' disa' mitt ewro (€900) mingħand id-ditta ntimata u li xtrah f'Diċembru 2012 u meta kien qed jużah f'Lulju 2014 ġralu l-ħsara billi marlu l-*main switch*. Illi ħadu għat-tiswija u talbuh biex iħallas sitt mitt ewro (€600). Ir-rikorrenti ssottometta illi l-welder għandu sentejn garanzija u għalhekk huwa dovut li t-tiswija ssir b'xejn.

L-intimat issottometta diversi possibiltajiet ta' ħsarat, pero' r-rikorrenti wera li dawn il-possibiltajiet ma jeżistux billi għar-rigward *overload*, il-welder għandu *thermal cut-out*, m'uża l-ebda *extension*, ippreżenta dokument illi juri li jekk ikun hemm *low voltage* fil-welder tixgħellu bozza u għar-rigward *faulty distribution* jikkonferma li qatt ma kellu problemi bħal dan.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li dan il-welder kellu sentejn garanzija u jidher ukoll illi r-rikorrenti m'għamel xejn ħażin meta qed juża dan l-apparat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' sitt mija u ħamsin ewro (€650), rappreżentanti spejjeż sabiex jittranġa dan il-welder, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**